MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-29 ta' April, 2011

Talba Numru. 205/2011

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Sarah Laus**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ seba’ mija tmienja u hamsin ewro u sebgha u disghin ewro (€758.97) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta’ attrici in kwantu ghal tliet mija u hamsin ewro (€350) bhala penali dovuti ghall-abbandun tal-kuntratt ta’ impieg ghal zmien definit, kwantu ghal tliet mija u tlettax-il ewro u sitta u tletin centezmu (€313.36) rapprezentanti frank (leave) mehud zejjed u kwantu ghal hamsa u disghin ewro u wiehed u sittin centezmu (€95.61) rapprezentanti rimbors ghal frank (leave) mehud fix-xahar ta’ Awissu, 2010 ghall-liema xahar hija hadet il-paga shiha.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentanta tal-avviz kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fil-11 ta’ April, 2011 mill-Avukat Claudine Zarb u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenuta naqset tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------